**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 6 ta' Ottubru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Ian Abdilla)**

**Vs**

**ARTURO BUSUTTIL**
**JOSEPH MEILAQ**
***OMISSIS***

**KUMP. NRU. 996/2005**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Arturo Busuttil detentur tal-karta tal-identita` bin-nurmu 297062M u Joseph Meilaq detentur tal-karta tal-identita` bin-nurmu 306782M u *omissis***, gew akkuzati talli f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar xhur, u cioe fix-xahar ta' Ottubru 2005 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda :

1. Ikkommettejtu serq ta' aktar minn mitt lira (Lm100) izda anqas minn elf lira (Lm1,000), ghad-detriment ta' Maria Carmela Bellizzi detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 621228M liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur' (Dan bi ksur tal-artiklu 267 Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Sabiex tiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalikom innifiskom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentament ghamiltu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajtu taghrif falz (Dan bi ksur tal-Artikoli 188,189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Talli iffalsifikajtu cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta` oggetti, jew jigbor depozitu, jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern (Dan bi ksur tal-Artiklu 167 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Talli xjentement ghamiltu uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra falsifikati, msemmija fl-imputazzjoni ta' qabel (Dan bi ksur tal-Artiklu 169 tal-Kap.9 tal-Ligjiet ta' Malta);

5. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamiltu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejtu b'qerq iehor, ingann jew billi urejtu haga b'ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamiltu qligh b'qerq ta' anqas minn Lm1,000.00 ghad-dannu tas-Segretarjat Assistenza Socjali u persuni ohra (Dan bi ksur tal-Artikoli 308, u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

6. Appropjajtu ruhkom billi dawwartu bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilkom, fil-kapacita taghkom bhala prokuratur taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe approprijajt ruhek minn flejjes migbura,

liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' anqas minn Lm1,000 liema flejjes jappartjenu lis-Segretarjat Assistenza Socjali, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilkom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju (Dan bi ksur tal-Artikoli 293, 294, u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi b'hekk Joseph Meilaq sar recidiv ai termini tal-artikli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-21 ta' Mejju 2002, 28 t'Ottubru 2002 u fid-9 ta' Gunju 2005; kif ukoll Arturo Busuttil sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-11 ta'Frar 2003 u fid-9 ta'Gunju tal-2005.

B'hekk Joseph Meilaq u Arthur Busuttil ksirtu il-provedimenti tal-Artiklu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkommettejtu reat iehor wara li nghatajtu sentenza fejn gejtu liberati taht kundizzjoni li ma tikkomettix reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta' Gunju tal-2005.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali ta` l-1 ta` Novembru 2005 li jinsab *a folio* 20 ta` l-Atti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Qieset l-ammissjoni bikrija ta` l-imputati li saret propju fis-seduta tas-16 ta` Novembru 2005 (ara *folio* 32) u l-insistenza taghhom dwar din l-ammissjoni fis-seduta ta` llum 6 ta` Ottubru 2015;

Qieset ir-rapporti ta` l-Ufficjali tal-Probationipprezentati fil-konfront taz-zewg imputati;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet trattazzjoni dwar piena jew sanzjoni minn naha tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrijiet ta` l-imputati li jinsabu *a folios* 14 sa 17 ta` l-atti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarahom hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena jew sanzjoni, din il-Qorti qed tikkonsidra, fost ohrajn, il-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputati li saret fi stadju tant bikri tal-proceduri u, qed tistrieh sew fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta` l-ufficjali tal-probation kif espressi fir-rapporti taghhom.

**Konkluzjoni**;

**Ghall-mottivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 267, 188, 189, 167(1), 169, 308, 309, 310, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil Arturo Busuttil u Joseph Meilaq hatja ta` l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra taghhom u :**

**(a) Tikkundanna lil JOSEPH MEILAQ ghal disa (9) xhur prigunerija; u**

**(b) Bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 u l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9, ilkoll tal-Ligijiet ta` Malta, tqieghed lil ARTURO BUSUTTIL taht Ordni ta` Probation (taht il-harsien ta` ufficjal tal-probation) u Ordni ta` Trattament (taht il-kura ta` psikjatra), ikoll ghall-perjodu ta` tlett snin mill-llum.**

**Il-Qorti fissret lil Arturo Busuttil, fi kliem car u li jinftiehem, l-iskop tas-sanzjoni fuqu mposta b'din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hu ma joqghodx ghall-tali sanzjoni.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur *Probation and Parole* u lic-*Chairman of Psychiatry* (Sptar Monte Karmeli).**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur